IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.7.2021
COM(2021) 408 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar ir-rieżami u l-aġġornament tat-tielet Pjan ta' Implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 2019/1021 dwar il-pollutanti organiċi persistenti

{SWD(2021) 201 final}

1. INTRODUZZJONI

Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (POPs)[1] (il-"Konvenzjoni ta' Stokkolma") ġiet adottata f'Mejju 2001 u daħlet fis-seħħ fl-2004. L-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") u l-Istati Membri tagħha[2] huma partijiet għall-Konvenzjoni[3], li l-ewwel ġiet implimentata fid-dritt tal-Unjoni bir-Regolament (KE) Nru 850/2004 dwar pollutanti organiċi persistenti[4]. Dak ir-Regolament ġie sostitwit bir-Regolament ta' riformulazzjoni (UE) 2019/1021 dwar il-pollutanti organiċi persistenti[5] (ir-"Regolament dwar il-POPs").

Skont l-Artikolu 7, il-Konvenzjoni ta' Stokkolma teħtieġ li, il-Partijiet:

(a) Jiżviluppaw u jagħmlu ħilithom biex jimplimentaw pjan għall-implimentazzjoni tal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni;

(b) Jibgħatu l-pjan ta' implimentazzjoni tagħha lill-Konferenza tal-Partijiet fi żmien sentejn mid-data li fiha tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' Stokkolma għal dik il-Parti;

(c) Jirrieżaminaw u jaġġornaw, kif xieraq, il-pjanijiet ta' implimentazzjoni tagħha fuq bażi perjodika u b'mod li għandu jkun speċifikat b'deċiżjoni tal-Konferenza tal-Partijiet.

L-ewwel pjan ta' implimentazzjoni Ewropew, intitolat il-"Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Komunità" (CIP) ġie żviluppat fl-2007 (SEC (2007) 341)[6]. Is-CIP ġie aġġornat għall-ewwel darba bi "Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Unjoni" (UIP) prodott fl-2014 (COM (2014) 306 final), u reġa' ġie aġġornat fil-bidu tal-2019 (COM(2018)848 final). Ir-rieżami u l-aġġornament tat-tielet Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Unjoni saru meħtieġa sabiex jitqiesu ulterjorament:

1) ir-riformulazzjoni tar-Regolament dwar il-POPs, li ssostitwixxa r-Regolament oriġinali (KE) Nru 850/2004 f'Lulju 2019;

2) l-inklużjoni ta' għadd ta' pollutanti organiċi persistenti ġodda fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma, inkluż il-pestiċida dikofol u l-kimika industrijali aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imluħa tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA; kif ukoll

3) il-progress tekniku u leġiżlattiv li sar f'dan il-qasam.

L-UIP kien soġġett għal konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, mal-industrija, mal-organizzazzjonijiet ambjentali u mal-pubbliku ġenerali. L-UIP se jiġi sottomess lis-Segretajat tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma f'konformità mal-obbligi tal-Unjoni bħala Parti.

2. POLLUTANTI ORGANIĊI PERSISTENTI (POPS)

Il-POPs huma sustanzi kimiċi li jippersistu fl-ambjent, li jakkumulaw bijoloġikament, u li jippreżentaw riskju li jikkawżaw effetti avversi sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Dawn il-pollutanti jiġu ttrasportati lil hinn mill-fruntieri internazzjonali 'l bogħod

---

1 http://www.pops.int/TheConvention/Overview/TextoftheConvention/tabid/2232/Default.aspx

2 Stat Membru wieħed tal-UE għadu ma rratifikax (l-Italja).

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (2006/507/KE) (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1.)

4 Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

5 Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (riformulazzjoni) (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

6 https://ec.europa.eu/environment/chemicals/international_conventions/pdf/sec_2007_341.pdf

mis-sorsi tagħhom u saħansitra jakkumulaw f'reġjuni fejn qatt ma jkunu ntużaw jew ġew prodotti. Il-POPs jippreżentaw theddida għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem madwar id-dinja kollha, u r-reġjuni Artiċi, Baltiċi u Alpini huma eżempji ta' bjar ta' POPs fl-UE. L-azzjoni internazzjonali tqieset neċessarja biex jitnaqqsu u jiġu eliminati l-produzzjoni, l-użu u r-rilaxxi ta' dawn is-sustanzi. Is-sustanzi indirizzati fl-istrumenti legali internazzjonali dwar il-POPs huma elenkati fit-Tabella 1.

3. FTEHIMIET INTERNAZZJONALI LI JINDIRIZZAW IL-POPS

3.1. Il-Protokoll tal-UNECE dwar il-POPs[7]

Il-Protokoll dwar il-POPs ("il-Protokoll dwar il-POPs") tal-Konvenzjoni tal-UNECE fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira (CLRTAP) ġie adottat fl-24 ta' Ġunju 1998, f'Aarhus, id-Danimarka. Il-Protokoll dwar il-POPs ġie approvat mill-Unjoni Ewropea u minn 23 Stat Membru[8]. Il-Protokoll dwar il-POPs bħalissa jiffoka fuq lista ta' 16-il sustanza li jinkludu ħdax-il pestiċida, żewġ sustanzi kimiċi industrijali u tliet prodotti sekondarji inċidentali. Fl-2009, il-Partijiet adottaw deċiżjonijiet biex jelenkaw seba' sustanzi ġodda. Madankollu, dawk id-deċiżjonijiet għadhom ma daħlux fis-seħħ.

Il-Protokoll dwar il-POPs jipprojbixxi l-produzzjoni u l-użu tas-sustanzi kimiċi li huma elenkati, immedjatament jew fi stadju aktar tard, u jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-immaniġġjar tal-iskart li jikkonsisti f'dawk is-sustanzi kimiċi jew li fih dawk is-sustanzi. Dan jobbliga lill-Partijiet inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' diossini, furani, idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs) u HCB u jistabbilixxi valuri ta' limitu speċifiċi tal-emissjonijiet għall-inċinerazzjoni ta' skart muniċipali, perikoluż u mediku. L-objettiv finali hu li jiġi eliminat kwalunkwe rilaxx, emissjoni u telf ta' dawn is-sustanzi POP.

3.2. Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma

Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma ġiet adottata fl-2001 fil-qafas tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) u daħlet fis-seħħ fl-2004. Din tippromwovi azzjoni globali fuq grupp inizjali ta' tnax-il sustanza POP, b'objettiv ġenerali li jiġu protetti mill-POPs s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Tesiġi li l-Partijiet jieħdu miżuri biex jeliminaw jew inaqqsu r-rilaxx tal-POPs fl-ambjent. Issir referenza speċifika għal approċċ prekawzjonarju kif ġie stabbilit fil-Prinċipju 15 tad-Dikjarazzjoni ta' Rio tal-1992 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp. Dan il-prinċipju huwa implimentat bis-saħħa tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma, li jistabbilixxi r-regoli għall-inklużjoni ta' sustanzi kimiċi addizzjonali.

Bħalissa hemm 28 sustanza kimika jew gruppi ta' sustanzi kimiċi elenkati fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq il-produzzjoni u fuq l-użu, ħlief fejn hemm eżenzjonijiet ġeneriċi jew speċifiċi. Barra minn hekk, il-produzzjoni u l-użu tad-DDT, pestiċida li għadu jintuża f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, huma ristretti severament, kif stipulat fl-Anness B tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma. L-Anness B fih ukoll il-PFOS, l-imluħa tiegħu u l-PFOS-F, li għalihom hemm ukoll eżenzjonijiet u użi aċċettabbli fis-seħħ.

L-eżenzjonijiet ġeneriċi jippermettu li ssir riċerka fuq skala ta' laboratorju, l-użu bħala standard ta' referenza u kontaminanti minn traċċi inċidentali f'sustanzi kimiċi, f'taħlitiet u f'oġġetti. L-oġġetti li fihom il-POPs manifatturati jew li diġà jkunu qed jintużaw qabel id-

[7] http://www.unece.org/env/lrtap/pops_h1.htm

[8] Il-Greċja, Malta, il-Polonja u l-Portugall għadhom ma approvawx il-Protokoll dwar il-POPs (https://treaties.un.org/Pages/ParticipationStatus.aspx?clang=_en).

data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligu rilevanti wkoll huma soġġetti għal eżenzjoni diment li l-Partijiet jippreżentaw informazzjoni dwar l-użi u pjan nazzjonali għall-ġestjoni tal-iskart għat-tali oġġetti lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma.

Ir-rilaxxi ta' prodotti sekondarji prodotti b'mod inċidentali elenkati fl-Anness C (diossini, furani, PCBs, PeCB, HCB u PCNs (Diċembru 2016), u eżaklorobutadien (Diċembru 2018)) huma soġġetti għal minimizzazzjoni kontinwa bl-objettiv finali ta' eliminazzjoni totali, meta jkun fattibbli. Skont l-Anness C, il-Partijiet huma meħtieġa jippromowvu u, f'konformità mal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom, jirrikjedu, l-użu tal-aħjar tekniki disponibbli għal sorsi ġodda fi ħdan il-kategoriji ta' sorsi ewlenin tagħhom identifikati fil-Parti II u fil-Parti III tal-Anness C tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma.

Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma tipprevedi wkoll l-identifikazzjoni u l-ġestjoni sikura tal-ħażniet li fihom jew li jikkonsistu minn POPs. L-iskart li fih, li jikkonsisti minn jew li huwa kkontaminat b'POPs jenħtieġ li jintrema b'tali mod li l-kontenut ta' POP jinqered jew jiġi ttrasformat b'mod irriversibbli sabiex ma jesibixxix karatteristiċi ta' POP. Meta dan ma jkunx jirrappreżenta l-għazla preferibbli għall-ambjent jew meta l-kontenut ta' POP ikun baxx, l-iskart jista' jintrema b'xi mod ieħor li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. L-operazzjonijiet ta' rimi li jistgħu jwasslu għall-irkupru jew għall-użu mill-ġdid ta' POPs huma pprojbiti b'mod espliċitu. Fir-rigward tal-vjeġġi ta' skart, iridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-regoli, l-istandards u l-linji gwida internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjoni ta' Basilea tal-1989 dwar il-Kontroll tal-Movimenti Li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment minnu.

Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn il-POPs regolati fil-livell internazzjonali (il-POPs il-ġodda miżjuda mal-Konvenzjoni ta' Stokkolma mill-2009 huma mmarkati bil-griż)

Sustanza	CAS	Elenkata/i fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma	Elenkata/i fil-Protokoll tal-UNECE dwar il-POPs	Elenkata/i fir-Regolament tal-UE dwar il-POPs
POPs prodotti b'mod intenzjonat				
Aldrin	309-00-2	Anness A	Iva	Iva
Klordan	57-74-9	Anness A	Iva	Iva
Klordekon	143-50-0	Anness A	Iva	Iva
Dieldrin	60-57-1	Anness A	Iva	Iva
Endosulfan	959-98-8 33213-65-9 115-29-7	Anness A	Le	Iva
Endrina	72-20-8	Anness A	Iva	Iva
Ettakloru	76-44-8	Anness A	Iva	Iva
Eżabromobifenil (HBB)	36355-01-8	Anness A	Iva	Iva
Eżabromoċiklododekan (HBCDD) (inkluż l-isomeri tiegħu)	25637-99-4 3194-55-6 134237-50-6 134237-51-7 134237-52-8	Anness A	Le	Iva
Etere tal-eżabromodifenil u etere tal-eptabromodifenil	36483-60-0; 68928-80-3; u oħrajn	Anness A	Iva	Iva Iva
Eżaklorobenżen (HCB)	118-74-1	Anness A	Iva	Iva
Alfa eżaklorocikloeżan*	319-84-6; 608-73-1	Anness A	Iva: Eżaklorocikloeżani (HCH; CAS: 608-73-	Iva (l-isomeri kollha inkluż gamma HCH misjub f'lindan)
Beta eżaklorocikloeżan*	319-85-7	Anness A		

Sustanza	CAS	Elenkata/i fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma	Elenkata/i fil-Protokoll tal-UNECE dwar il-POPs	Elenkata/i fir-Regolament tal-UE dwar il-POPs
Lindan*	58-89-9	Anness A	1[9]), inkluż lindan (CAS: 58-89-9)	
Mirex	2385-85-5	Anness A	Iva	Iva
Pentaklorobenżen	608-93-5	Anness A	Iva	Iva
Pentaklorofenol (PCP)	87-86-5 u oħrajn	Anness A	Le	Iva – miżjud mar-riformulazzjoni tal-2019
Poliklorobifenili (PCB)	1336-36-3 u oħrajn	Anness A	Iva	Iva
Etere tat-tetrabromodifenil u etere tal-pentabromodifenil	40088-47-9; 32534-81-9; u oħrajn	Anness A	Iva	Iva
				Iva
Toksafen	8001-35-2	Anness A	Iva	Iva
DDT	50-29-3	Anness B	Iva	Iva
Aċidu sulfoniku perfluworoottan, l-imluħa tiegħu u l-fluworur tas-sulfonil tal-perfluworoottan (PFOS)	1763-23-1; 307-35-7, u oħrajn	Anness B	Iva	Iva
Aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imluħa tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA	335-67-1	Anness A	Le	Iva – miżjud f'April 2020
SCCPs – paraffini klorurati b'katina qasira	85535-84-8; u oħrajn	Anness A	Iva	Iva
HCBD – eżaklorobutadien	87-68-3	Anness A	Iva	Iva
PCN –polikloronaftaleni	70776-03-3 u oħrajn	Anness A	Iva	Iva
Etere tal-bis(pentabromofenil), magħruf ukoll bħala Etere tad-dekabromodifenil (c-decaBDE)	1163-19-5	Anness A	Le	Iva – miżjud mar-riformulazzjoni tal-2019
Dikofol	115-32-2	Anness A	Le	Iva – miżjud f'Ġunju 2020
POPs prodotti b'mod inċidentali				
Poliklorodibenżo-p-diossini (PCDD)	1746-01-6	Anness C	Iva	Iva
Poliklorodibenżofurani (PCDF)	1746-01-6	Anness C	Iva	
Eżaklorobenżen (HCB)	118-74-1	Anness C	Iva	Iva
Pentaklorobenżen	608-93-5	Anness C	Iva	Iva – miżjud mar-riformulazzjoni tal-2019
Poliklorobifenili (PCBs)	1336-36-3 u oħrajn	Anness C	Iva	Iva
PCN – naftalini poliklorinati	70776-03-3 u oħrajn	Anness C	Iva	Iva – miżjud mar-riformulazzjoni tal-2019
Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs)	207-08-9 u oħrajn	Le	Iva	Iva
HCBD – eżaklorobutadien	87-68-3	Anness C	Iva	Iva – miżjud mar-riformulazzjoni tal-2019

* Lindan, Alfa u Beta eżakloroċikloeżan, kif ukoll Klorodekon u Eżabromobifenil huma POPs ġodda skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma iżda diġà ġew koperti mill-Protokoll dwar il-POPs u mir-Regolament dwar il-POPs.

[9] Dan in-Nru CAS ikopri t-taħlita ta' isomeri ta' alfa, beta, gamma, delta u epsilon HCH.

4. SKOP TAL-PJAN TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-UNJONI (UIP) DWAR IL-POPS

Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma tistabbilixxi obbligu għall-Partijiet kollha, biex jiżviluppaw u jagħmlu ħilithom biex jimplimentaw pjan għall-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma. Għall-Unjoni, dan l-obbligu huwa implimentat ukoll fl-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-POPs. Għalhekk, il-Kummissjoni żviluppat (fl-2007) Pjan ta' Implimentazzjoni dwar il-POPs, li jkopri wkoll is-sustanzi li jaqgħu fil-qafas tal-Protokoll dwar il-POPs[10]. Dan il-pjan sussegwentement ġie aġġornat diversi drabi hekk kif evolvew il-Konvenzjoni ta' Stokkolma, il-Protokoll dwar il-POPs u d-dritt tal-Unjoni.

L-iskop ġenerali tal-UIP mhuwiex biss li jissodisfa l-obbligi legali, iżda wkoll li jqis l-azzjonijiet meħuda u li jistabbilixxi strateġija u pjan ta' azzjoni għal miżuri tal-Unjoni addizzjonali relatati mal-POPs inklużi fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma u/jew fil-Protokoll tal-UNECE dwar il-POPs.

Għalhekk, il-UIP għandu l-għan li:

- jirrieżamina l-miżuri eżistenti tal-Unjoni relatati mal-POPs;
- jivvaluta l-effiċjenza u s-suffiċjenza tagħhom fl-issodisfar tal-obbligi tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma;
- jidentifika l-ħtiġijiet għal miżuri addizzjonali fil-livell tal-Unjoni;
- jistabbilixxi pjan għall-implimentazzjoni tal-miżuri addizzjonali;
- jidentifika u jsaħħaħ ir-rabtiet u s-sinerġiji potenzjali bejn il-ġestjoni tal-POPs u politiki ambjentali oħrajn u oqsma ta' politika oħrajn; kif ukoll
- iżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-POPs u l-miżuri ta' kontroll tagħhom.

5. SOMMARJU TAL-PJAN TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-UNJONI

Ir-raba' Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Unjoni huwa stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport. Ir-rieżami u l-aġġornament tat-tielet Pjan ta' Implimentazzjoni jindirizza t-tibdiliet inkużi fir-riformulazzjoni, fir-Regolament dwar il-POPs, l-inklużjoni ta' pollutanti organiċi persistenti ġodda fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma u l-progress tekniku u leġiżlattiv li sar fil-qasam.

L-introduzzjoni tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-qafas leġiżlattiv internazzjonali li fih jopera r-Regolament dwar il-POPs, inkluż sommarju tal-Protokoll tal-UNECE dwar il-POPs u l-Konvenzjoni ta' Stokkolma.

Il-**Kapitolu 2** jippreżenta l-i*status quo* tal-eżekuzzjoni mill-UE tal-obbligi tagħha bħala Parti għall-oqfsa internazzjonali msemmija hawn fuq. Dan jiddeskrivi l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE fis-seħħ kif ukoll l-istrumenti finanzjarji li jappoġġaw l-implimentazzjoni.

B'mod partikolari, dan jinkludi taqsimiet ġodda tal-UIP li jipprovdu deskrizzjonijiet dettaljati tar-Regolament dwar il-POPs. Bħala parti mir-Regolament dwar il-POPs, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) tirċievi għadd ta' kompiti biex tappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea, fost l-oħrajn fil-ħidma biex jiġu identifikati POPs kandidati ġodda. Din l-alterazzjoni tar-Regolament tallinja aktar mill-qrib il-proċessi skont ir-Regolament dwar il-POPs mal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi relatata dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Barra minn hekk, l-ECHA għandha l-obbligu li tipprovdi

[10] SEC (2007) 341

informazzjoni addizzjonali fuq is-sit web tal-ECHA[11], inkluż in-notifika tat-tħejjija ta' proposta għall-elenkar ta' sustanza ġdida u ta' perjodu ta' konsultazzjoni ta' tmien ġimgħat għal kwalunkwe parti interessata, li jippermetti lill-industrija, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u lill-korpi tar-riċerka li jikkontribwixxu aktar u b'aktar trasparenza dwar l-għoti ta' *data* dwar il-POPs kandidati.

Ir-Regolament dwar il-POPs jimmodifika wkoll l-obbligu tar-rapportar min-naħa tal-Istati Membri. Ir-rapportar annwali u triennali lill-Kummissjoni dwar il-progress kif imqabbel mal-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 skont l-Artikolu 12 huwa sostitwit bl-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-POPs, li jesiġi li l-Istati Membri jfasslu rapport li jiddeskrivi fid-dettall il-progress li jkun sar kif imqabbel mal-objettivi tar-Regolament dwar il-POPs u li jagħmluh disponibbli għall-pubbliku. L-Istati Membri huma meħtieġa jagħtu aċċess lill-Kummissjoni u lill-ECHA għall-informazzjoni li jkun hemm fir-rapporti.

Il-Kapitolu 2 jinkludi wkoll informazzjoni addizzjonali dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tkopri l-ħamrija u l-art ikkontaminata, li kienet nieqsa f'verżjonijiet preċedenti tal-UIP u tas-CIP. Dan jinkludi dettalji dwar id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali (2004/35/KE), ir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti (UE) 2019/1009 u l-istrateġija tematika għall-protezzjoni tal-ħamrija.

Il-**Kapitolu 3** jipprovdi valutazzjoni ġenerali tal-POPs fl-Unjoni, rigward il-produzzjoni, l-użu, it-tqegħid tagħhom fis-suq kif ukoll rigward il-ħażniet eżistenti u l-kontaminazzjoni tal-flussi ta' skart. Dan il-kapitolu huwa prinċipalment ibbażat fuq ir-rapporti u fuq il-pjanijiet ta' implimentazzjoni mħejjija mill-Istati Membri.

Jinkludi taqsimiet dettaljati ġodda li jkopru b'mod partikolari:

- L-etere tad-dekabromodifenil ritardant tal-fjammi bromurat (decaBDE), li ntuża b'mod mifrux fl-Unjoni fil-plastik u fit-tessuti użati f'applikazzjonijiet ta' arredament qabel ma daħlet fis-seħħ restrizzjoni tar-REACH dwar l-użu tad-decaBDE f'Marzu 2019. F'Mejju 2017, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma ddeċidiet li telenka d-decaBDE fl-Anness A. L-UIP jirrapporta li l-użu massimu tad-decaBDE fl-Unjoni kien ta' 75 000 tunnellata fl-2000, b'eliminazzjoni gradwali sħiħa li nkisbet sal-2019. Minħabba t-tul tal-ħajja tal-oġġetti ttrattati, jista' jkun mistenni li d-decaBDE xorta jkollu impatt fuq il-flussi ta' skart għal diversi snin li ġejjin.
- L-aċidu perfluworoottanojku (PFOA) tensjoattiv perfluworurat, l-imluħa u l-komposti relatati mal-PFOA. Il-PFOA huwa t-tieni sustanza perfluworoalkilika u polifluworoalkilika (PFAS) elenkata fl-anness tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma wara l-aċidu sulfoniku perfluworoottan (PFOS). Il-PFOA ntuża b'mod estensiv fl-Unjoni f'firxa wiesgħa ħafna ta' applikazzjonijiet bħala repellent tal-ilma, taż-żejt u tat-tbajja', kif ukoll bħala intermedjarju fil-manifattura tal-fluworopolimeri. Il-PFOA ġie miżjud mal-Konvenzjoni ta' Stokkolma fl-2019 b'għadd ta' eżenzjonijiet. Il-ġestjoni tal-PFOA u tal-iskart ikkontaminat bil-PFOA tirrappreżenta sfida sinifikanti għall-Unjoni għall-għaxar snin li ġejjin u lil hinn.
- Il-pestiċida pentaklorofenol (PCP), li qabel kien jintuża bħala preservattiv tal-injam, primarjament f'ambjenti industrijali bħal-linji tat-trażmissjoni tal-elettriku, u t-traversi ferrovjarji. Il-PCP, l-imluħa u l-esteri tiegħu ġew miżjuda mal-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma f'Mejju 2015. L-użu tal-PCP fl-Unjoni ilu ristrett mill-1991 u kien hemm restrizzjoni supplimentari fuqu bir-REACH fl-2008. Filwaqt li ma seħħ l-ebda użu tal-PCP għat-trattament tal-injam fl-Unjoni għal ħafna snin, it-tul tal-

[11] https://echa.europa.eu/understanding-pops

ħajja tal-injam ippreparat ittrattat jista' jkun sa 50 sena, u potenzjalment joħloq kwistjonijiet għall-ġestjoni finali tal-iskart tal-injam.

- Il-pestiċida dikofol, li ntuża bħala sostituzzjoni għad-DDT għall-kontroll tad-dud (mites) u ta' insetti ta' ħsara oħrajn għal varjetà ta' għelejjel bħall-frott, il-ħxejjex, il-pjanti ornamentali, il-qoton u t-te. Id-dikofol ġie miżjud mal-Konvenzjoni ta' Stokkolma f'Mejju 2019. Fl-Unjoni, l-użu tad-dikofol naqas minn 317-il tunnellata fis-sena fl-2000 għal 32 tunnellata fis-sena fl-2009. L-użu tad-dikofol ma baqax permess fl-Unjoni wara l-2010. Id-dikofol ġie miżjud ukoll mad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali fl-2013 (2013/39/UE). Huma mistennija xi ftit kwistjonijiet ta' legat (lil hinn mis-siti ta' użu preċedenti), għalkemm il-kontaminazzjoni tal-għelejjel importati tista' tippreżenta qasam għal aktar kontroll.

Il-Kapitolu 3 jinkludi wkoll aġġornamenti dwar il-ħidma lejn l-eliminazzjoni finali u l-qerda (jew it-trasformazzjoni irriversibbli) tal-poliklorobifenili (PCBs) użati bħala fluwidi għat-trasferiment tas-sħana f'tagħmir dielettriku. Stħarriġ li sar fl-2017 wera li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu progress sostantiv lejn l-eliminazzjoni mill-użu ta' tagħmir li fih il-PCBs. Ir-Regolament dwar il-POPs jinkludi l-mira stabbilita skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma għall-eliminazzjoni gradwali tal-PCBs sal-2025.

Il-Kapitolu 3 jagħti aktar dettalji dwar il-ħidma mwettqa biex jiġu vvalutati mill-ġdid il-kriterji tal-POPs għal sustanzi mobbli ħafna, bil-possibbiltà li jiġu żviluppati kriterji supplimentari ġodda għall-kriterju tal-bijoakkumulazzjoni.

Il-**Kapitoli 4 u 5** jipprovdu analiżi fil-fond ta' kull obbligu individwali tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma li jaffettwa t-trattament tal-POPs mill-Unjoni. Sussegwentement għal din l-analiżi, l-UIP identifika 31 azzjoni biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma.

Il-Kapitoli 3 u 4 juru li l-użu tas-sustanzi elenkati fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma jew fil-Protokoll dwar il-POPs u rregolati mir-Regolament dwar il-POPs qabel l-2008 (il-POPs l-antiki) ġie eliminat progressivament b'mod gradwali. L-użi li fadal tal-POPs l-antiki jsiru biss f'oġġetti li kienu prodotti u mqiegħda fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-POPs u bħala standards għall-finijiet ta' riċerka. Iż-żewġ użi li fadal huma koperti minn eżenzjonijiet ġenerali mogħtija fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma u mir-Regolament dwar il-POPs.

Il-POPs il-ġodda elenkati fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma jew fil-Protokoll dwar il-POPs bejn l-2009 u l-2017 ġew miżjuda sussegwentament mar-Regolament dwar il-POPs. Il-POPs miżjuda mal-Konvenzjoni ta' Stokkolma f'Mejju 2019 kienu diġà ġew eliminati b'mod gradwali fl-Unjoni (dikofol) jew kienu soġġetti għal kontrolli supplimentari skont ir-REACH (il-PFOA, l-imluħa tiegħu u l-komposti relatati), u ġew miżjuda mar-Regolament dwar il-POPs fl-2020.

Għal xi POPs, b'mod partikolari r-ritardanti tal-fjammi bromurati (PBDEs u HBCDD) u s-sustanzi kimiċi perfluworinati (il-PFOA, l-imluħa tiegħu u l-komposti relatati), l-użu kompla sa aktar reċentement, li jfisser li l-iskart li fih dawn is-sustanzi jista' jippreżenta sfida għall-Unjoni u għall-Istati Membri għal xi snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iskart li fih il-POPs (eż. pestiċidi obsoleti jew tagħmir kontaminat) ġie importat f'uħud mill-Istati Membri għall-iskop tar-rimi u l-eliminazzjoni tiegħu. Dawn l-importazzjonijiet saru f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma u jikkontribwixxu għat-tnaqqis ġenerali u għall-ġestjoni tajba tal-POPs globalment.

Fi ftit Stati Membri, għad hemm ħażniet ta' pestiċidi obsoleti li fihom sustanzi POP u li għalihom il-produzzjoni, l-użu u t-tqegħid fis-suq issa huma strettament ipprojbiti skont ir-

Regolament dwar il-POPs. Dawk il-ħażniet u skart ieħor li jikkonsistu minn jew li huma kkontaminati mill-POPs jeħtieġu ġestjoni adegwata biex jiġi żgurat rimi ambjentalment san, inkluż l-ispeċifikazzjoni u r-reviżjoni ta' valuri ta' limitu xierqa u ta' operazzjonijiet ta' trattament tal-iskart. Għal dak il-fini, il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tħejji proposta għall-emendar tal-Annessi IV u V tar-Regolament dwar il-POPs.

L-istħarriġ tal-Istati Membri li sar fl-2017 għall-ħażniet li fadal tal-PCBs li għadhom jintużaw fil-fluwidi għat-trasferiment tas-sħana għat-tagħmir dielettriku enfasizza li, imqabbel mal-istokk preżunt fl-1990, baqa' inqas minn 10 %. Madankollu, għal għadd żgħir ta' Stati Membri, il-ħażniet li fadal li kienu qed jintużaw kienu ferm ogħla f'madwar 50 % tal-linja bażi tal-1990. Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma tipprevedi eliminazzjoni gradwali tal-użu tal-PCBs fit-tagħmir sal-2025, u tesiġi li l-Partijiet jiżguraw ġestjoni tal-iskart ambjentalment korretta tal-likwidi li fihom il-PCBs sal-2028.

Il-**Kapitoli 6 u 7** jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' obbligi oħrajn għajr dawk marbuta b'mod dirett mas-sustanzi kimiċi li huma elenkati. Dawn juru li l-iskambju ta' informazzjoni dwar materji tekniċi fost l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi għadu sfida u jenħtieġ li jittejjeb sabiex tiġi appoġġata aħjar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-POPs.

Barra minn hekk, saret konsultazzjoni pubblika dwar l-aħħar abbozz tal-verżjoni tal-UIP fil-ħarifa tal-2019. Ir-rispons mir-rispondenti enfasizza t-tħassib kemm mill-pubbliku ġenerali kif ukoll mill-esperti. B'mod partikolari, ir-rispondenti enfasizzaw nuqqas ta' viżibbiltà tal-attivitajiet li għaddejjin dwar il-POPs fil-livell tal-Istat Membru u tal-Unjoni (inkluż kif jistgħu jikkontribwixxu) u nuqqas ta' komunikazzjoni mfassla għall-gruppi korretti tal-partijiet ikkonċernati dwar x'inhuma t-tħassib u l-kwistjonijiet ewlenin dwar il-POPs. B'mod partikolari, ir-rispondenti tal-pubbliku ġenerali enfasizzaw l-akbar tħassib tagħhom b'informazzjoni dwar il-pestiċidi obsoleti u l-kontaminazzjoni tal-ikel.

Il-komunikazzjoni mal-pubbliku u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tikkostitwixxi l-fokus ta' waħda mill-31 azzjoni biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Unjoni.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jipprovdu assistenza teknika u finanzjarja konsiderevoli biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' diversi strumenti.

6. KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI

Fl-Unjoni Ewropea, il-miżuri legali rigward il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-POPs, u dawk li jindirizzaw l-ġestjoni tal-iskart li jikkonsisti f'POPs jew li fih POPs, huma komprensivi biżżejjed biex jissodisfaw l-obbligi tal-Konvenzjoni u tal-Protokoll dwar il-POPs.

Inkiseb progress sinifikanti f'dak li jirrigwarda l-eliminazzjoni tal-POPs. Il-produzzjoni u l-użu tas-sustanzi POP kollha huma pprojbiti ħlief għal xi eżenzjonijiet minuri. Sfida importanti għall-Unjoni hija li telimina l-POPs miċ-ċiklu tal-iskart u mill-ħażniet li fadal peress li dawn għadhom jippreżentaw sors kbir ta' emissjonijiet. L-akbar sfidi bħalissa jikkonċernaw il-POPs bromurati li qabel kienu jintużaw bħala ritardanti tal-fjammi (PBDEs u HBCDD), is-sustanzi kimiċi perfluworinati (il-PFOA, l-imluħa tiegħu u l-komposti relatati), il-ġestjoni ta' pestiċidi obsoleti u l-eliminazzjoni gradwali finali tal-PCBs minn tagħmir dielettriku biex tintlaħaq il-mira tal-2025 stabbilita fir-Regolament dwar il-POPs.

Fid-dawl tal-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Stokkolma u b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni fl-Unjoni, il-pjan ta' implimentazzjoni jiddeskrivi 31 azzjoni li huma meħtieġa

biex jiġu ssodisfati l-obbligi. Ħames azzjonijiet huma ġodda u jindirizzaw b'mod partikolari s-sustanzi kimiċi elenkati ġodda. Tmien azzjonijiet huma azzjonijiet kontinwi (għadhom għaddejjin) u 16-il azzjoni diġà kienu elenkati fil-pjan ta' implimentazzjoni preċedenti u għadhom għaddejjin għaliex għadhom ma tlestewx jew għaliex għadhom rilevanti.

Ir-rilaxx ta' POPs minħabba produzzjoni inċidentali għadu waħda mill-aktar kwistjonijiet importanti li jridu jiġu indirizzati fl-Unjoni. B'hekk, diversi azzjonijiet huma ddedikati għall-iżvilupp ta' miżuri korrispondenti bil-għan li jinkiseb tnaqqis supplimentari tal-emissjonijiet tas-sustanzi POP. Il-prevenzjoni tal-formazzjoni ta' POPs inċidentali permezz tal-iżvilupp ta' proċessi u ta' teknoloġiji li jevitaw il-formazzjoni tagħhom jenħtieġ li primarjament tiġi indirizzata fil-qasam tal-produzzjoni industrijali iżda jenħtieġ li tkopri wkoll sorsi domestiċi bħal sorsi ta' inċinerazzjoni diffużi. Għad hemm bżonn ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku addizzjonali f'dan il-qasam.

L-inventarji ta' tagħmir li fih il-poliklorobifenil (PCB), kif ukoll il-pjanijiet ta' azzjoni għall-ġbir u għar-rimi tiegħu, ġew ikkumpilati mill-Istati Membri kollha. L-informazzjoni dwar l-ammonti attwali ta' tagħmir li fih il-PCB turi li sar progress tajjeb minn ħafna Stati Membri; madankollu, xi Stati Membri għad għandhom sfidi x'jegħlbu, u hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jintlaħaq l-objettiv skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma ta' eliminazzjoni gradwali tal-użu tal-PCB sal-2025.

L-użu tal-POPs bromurati bħala ritardanti tal-fjammi, b'mod partikolari l-PBDEs u l-HBCDD kien mifrux fl-Unjoni, iżda l-użu tal-PBDEs u tal-HBCDD issa huwa pprojbit skont ir-Regolament dwar il-POPs, bl-eliminazzjoni gradwali li tlestiet xi snin ilu. Madankollu, it-tul tal-ħajja tal-oġġetti ttrattati jippreżenta sfida għall-ġestjoni tal-materjali tal-iskart li fihom dawn is-sustanzi. Sar progress tajjeb fl-iżvilupp ta' tekniki għall-identifikazzjoni u għas-separazzjoni ta' dawn fi ħdan il-flussi ta' skart, inkluż gwida mis-Segretarjat. Madankollu, huma meħtieġa sforzi kontinwi biex jgħinu fl-indirizzar tal-kwistjonijiet ippreżentati mill-POPs bromurati fil-fluss ta' skart. Barra minn hekk, filwaqt li l-plastik ittrattat huwa ġestit fl-ambitu ta' fluss ta' skart definit skont id-Direttiva dwar l-Iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (WEEE) 2012/19/UE[12], it-tessuti ttrattati se jidħlu fi flussi ta' skart muniċipali, fejn potenzjalment hemm sensibilizzazzjoni aktar baxxa rigward din il-kwistjoni.

Hemm produzzjoni limitata għaddejja tal-aċidu sulfoniku perfluworoottan, tal-imluħa tiegħu u tal-fluworur tas-sulfonil tal-perfluworoottan (PFOS) fl-Unjoni. L-użu tal-PFOS fl-industrija tal-kisi tal-metall huwa l-uniku sors li fadal għar-rilaxxi tal-PFOS mill-użu intenzjonat tas-sustanza. Diġà ġew investigati alternattivi u sostituti għal dan l-użu, li jeħtieġ li jiġu implimentati biex jiġi eliminat b'mod gradwali u totali l-użu tal-PFOS.

L-użu tal-PFOA f'firxa ta' applikazzjonijiet differenti kien mifrux fl-Unjoni, bi sfidi sinifikanti probabbli għall-iskart u l-potenzjal għall-emissjonijiet. Barra minn hekk, l-UIP jidentifika li, filwaqt li l-PFOS u l-PFOA ġew elenkati skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma u r-Regolament dwar il-POPs, għaddejja aktar ħidma fuq komposti oħrajn tal-PFAS fil-livell internazzjonali, inkluż in-nomina min-Norveġja tal-aċidu perfluworoeżansulfonat (PFHxS) mal-Konvenzjoni ta' Stokkolma, kif ukoll fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, l-azzjonijiet biex jiġi indirizzat il-PFAS fl-Unjoni u globalment huma inklużi fl-Istrateġija tal-Unjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà[13].

Fl-aħħar nett, it-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-UIP enfasizzaw sfidi fil-komunikazzjoni u fl-involviment. Bħalissa tinsab għaddejja azzjoni biex il-

[12] Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38)

[13] COM(2020) 667 final

Kummissjoni u l-Istati Membri jevalwaw il-ħtieġa għal azzjoni miftiehma u l-valur miżjud tagħha – kampanji ta' informazzjoni kkoordinati fil-livell tal-Unjoni – fil-qasam tal-POPs, filwaqt li jitqies l-obbligu tal-Istati Membri li jxerrdu informazzjoni ambjentali dwar il-POPs skont id-Direttiva 2003/4/KE[14]. It-tixrid tal-informazzjoni dwar il-POPs diġà ssaħħaħ permezz tal-iżvilupp tas-sit web tal-ECHA dwar il-POPs u l-ħolqien tal-Pjattaforma ta' Informazzjoni għall-Monitoraġġ tas-Sustanzi Kimiċi (IPCheM). Madankollu, huwa meħtieġ rieżami supplimentari dwar liema tip ta' tixrid huwa meħtieġ biex il-partijiet interessati jiġu megħjuna jsibu l-informazzjoni aktar faċilment, b'mod partikolari għall-attivitajiet għaddejjin dwar il-POPs.

[14] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26)